MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2005

Numru 210/2004

**App Nru 210/04**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Prof. Henry Frendo**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-Professur Henry Frendo talli fil-jiem ta’ bejn l-4 ta’ Settembru 2002 u s-6 ta’ Settembru 2002 minghajr hsieb li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita arbitrarjament dritt li jippretendi li ghandu huwa fixkel lill-kwerelant fil-pussess u t-tgawdija tal-bitha li tigi retrostanti d-dar proprjeta` ta’ l-istess kwerelant fin-numru 18, Triq il-Kbira, Sannat, Ghawdex billi ghalaq u imbarra l-apertura li mill-proprjeta` tal-kwerelanti tikkunduci ghal din il-bitha permezz ta’ bieb tal-hadid u li ghamlu jissakkar min-naha tal-bitha, bil-konsegwenza li ppriva lill-istess Tarcisio u

Josephine Grima milli jidhlu fl-imsemmija bitha, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 85 tal-Kap 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tad-29 ta’ Settembru 2004 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Professur Henry Frendo hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundannatu multa ta’ hamsin lira (Lm50) u obbligatu jnehhi l-inkonvenjent lamentat u cioe` kull bieb tal-hadid li wahhal fil-bitha bejn iz-zewg fondi tal-partijiet fi zmien gimgha taht penali ta’ ghaxar liri ammenda ghal kull jum ta’ nuqqas skond l-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9; fid-*decide* taghha l-ewwel qorti kompliet hekk: “Peress illi jidher li hemm diversi proceduri pendenti bejn il-partijiet, din l-ordni ta’ tnehhija hija applikabbli biss sakemm, fil-mori ta’ din il-kawza, ma kienx hemm decizjoni minn Qorti ohra li ddecidiet dwar din il-bitha.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-imsemmi Professur Henry Frendo, minnu ppresentat fil-15 ta’ Ottubru 2004, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fl-udjenzi tal-21 ta’ Jannar 2005 u 22 ta’ April 2005; semghet lid-difensuri tal-partijiet f’dawn l-udjenzi kif ukoll fl-udjenza tal-15 ta’ Lulju 2005; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu tlett aggravji. It-tielet aggravju jirrigwarda l-applikabbilita` tal-penali taht tant *per diem* fin-nuqqas li huwa jnehhi l-bieb tal-hadid li huwa ghamel. Dan it-tielet aggravju, pero`, huwa sekondarju ghall-ewwel zewg aggravji li jolqtu direttament il-meritu tal-kawza. Dawn iz-zewg aggravji huma, bazikament, fis-sens li, minhabba kemm apprezzament zbaljata tal-fatti kif ukoll minhabba interpretazzjoni zbaljata tal-ligi, l-appellant gie misjub hati hazin.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza – u din il-Qorti ser tillimita ruhha <u>biss</u> ghal dawk il-fatti li huma <u>strettament relevanti ghall-kawza *de quo*</u> u mhux ser tinhela, kif donnhom iridu jaghmlu d-difensuri kemm tal-kwerelanti Grima kif ukoll ta’ l-appellant, f’affarijiet li jezorbitaw mill-kompetenza ta’ din

il-Qorti – huma brevement is-segwenti: bejn il-proprjetatjiet ta’ l-appellant (u martu) u dik tal-kwerelanti konjugi Grima hemm bitha zghira li z-zewg partijiet kienu, fiz-zmien relevanti ghall-imputazzjoni, qed jikkontestaw il-proprjeta` taghha. Il-bitha kienet accessibbli kemm mill-fond tal-kwerelanti kif ukoll minn dak tal-appellant, u z-zewg partijiet kienu effettivament jidhlu f’din il-bitha. Inoltre, inqalghu xi incidenti bejn il-partijiet u, kif jirrizulta anke mill-kopja tas-sentenza ezibita a fol. 43 tal-process, kienu anke ttiehdu proceduri kriminali kontra Tarcisio Grima, li pero` kien gie liberat mill-imputazzjoni ta’ hsara volontarja[1]. In segwitu ghal dan l-incident li fih l-appellant u martu sofrew hsara fil-proprjeta` taghhom, l-istess appellant u martu fis-**27 ta’ Awissu 2002** talbu lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri sabiex tohrog mandat ta’ inibizzjoni kontra Tarcisio Grima u martu Josephine sabiex, fost affarijiet ohra, dawn ma jidhlux fil-bitha in kwistjoni (ara kopja tar-rikors a fol. 4); u dik il-Qorti akkordat it-talba fit-**3 ta’ Settembru 2002** (ara kopja a fol. 5)[2]. Jirrizulta li minnufih wara dan id-digriet l-appellant ikkummissjona lil certu Tarcisio Attard biex iwahhal bieb tal-hadid, li jinfetah biss mill-bitha in kwistjoni, b’mod li l-konjugi Grima ma jkunux jistghu jidhlu fl-imsemmija bitha. Mill-provi jirrisulta li dan il-bieb twahhal fis-**6 ta’ Settembru 2002**. Fit-8 ta’ Mejju 2003 – alura ferm <u>wara</u> li twahhal il-bieb li minnu qel jilmentaw il-kwerelanti – inghatat sentenza mill-Qorti ta’ l-Appell (ara kopja a fol. 6 *et seq.* tal-atti) li kienet tirrigwarda titolu ta’ registrazzjoni dwar il-bitha in kwistjoni. Din is-sentenza, pero`, inghatat kif inghad *ex post facto* u ghalhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ma hi ta’ ebda rilevanza partikolari ghal kaz in dizamina. Mill-atti u fil-mori ta’ l-appell ma jirrizultax li l-mandat ta’ inibizzjoni gie revokat.

---

[1] Is-sentenza tal-20 ta’ Novembru 2002 tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tghid hekk: “Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-hsarat kienu pprovokati u kkawzati mill-imputat. Provokat jew le ma ghandu l-ebda relevanza izda jirrizulta li l-imputat kien informa b’dan hu stess lill-pulizija li ghamel il-hsara fl-24 ta’ Awissu 2002 skond l-okkorrenza fid-9:00 p.m. Minkejja dan il-pulizija ghal ragunijiet li taf hi, akkuzat lill-imputat b’reat allegatament kommess fil-25 ta’ Awissu 2002 u ghalhekk l-akkuza ma tirrizultax. Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.”

[2] Fl-udjenza tal-15 ta’ Lulju 2005 il-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li ma kienx hemm bzonn li jigu ezibiti kopji legali tal-imsemmija rikors u digriet, u li din il-Qorti setghet timxi fuq dawk il-kopji ezibiti fl-atti tal-proceduri penali odjerni.

Issa, jirrisulta li l-ewwel qorti, fis-sentenza appellata, hadet in konsiderazzjoni l-esistenza ossia l-hrug tal-mandat ta' inbizzjoni u qalet hekk a propositu tieghu:

**"Jirrizulta…illi l-imputat oltrepassa l-limiti permessi mill-ligi meta *ex admissis* qal li wahhal il-bieb wara li ottjena l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, biex jassigura illi l-familja Grima ma jghaddux aktar fil-bitha minnu pretiza. Anke fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-imputat ighid hekk: *'Fi kliem iehor dak li ghamel l-imputat kien li pogga fil-prattika u b'mod iktar sikur dak li kien ordnat mill-Qorti'*, izda l-Qorti ma awtorizzat ebda twahhil ta' bibien ghaliex qatt ma kien lilha mitlub u inoltre, il-mandat kien interpretat mill-imputat bhala ordni definittiv u li b'xi mod pogga in gudikat il-kwistjoni dwar lil min tappartjeni din il-bitha. B'hekk l-imputat ghamel proprju dak ravvizat fit-tielet element tar-reat u cioe` li agixxa minflok l-awtorita`."**

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzzjoni fil-bran appena citat. Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruhhu r-reat ta' *ragion fattasi* huma (1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor, (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt, (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenza f'dan is-sens, ***Il-Pulizija v. Mario Lungaro*** App. Krim. 15 ta' Novembru 1996, u s-sentenzi hemm citati). Dawn l-erba' elementi jridu jikkonkorru <u>kollha</u>. L-ewwel qorti, ghalkemm semmiet l-ewwel zewg elementi, qalet biss fir-rigward taghhom li, a bazi tal-provi, hi ma kienitx taqbel ma' l-imputat (illum appellant) li dawn iz-zewg elementi kienu mankanti, u ffokat pjuttost fuq it-tielet element. Din il-Qorti, pero`, tara li f'dan il-kaz l-ewwel element – li effettivament jirrispekkja l-kliem tal-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ***"…jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu…jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor…"*** – hu

karenti. Malli l-Qorti tal-Magistrati ta’ Ghawdex, fil-kompetenza Superjuri taghha, inibit lill-konjugi Grima milli jidhlu fil-bitha in kwistjoni, dawn tilfu, ghalkemm temporanjament u sakemm jibqa’ fis-sehh l-istess mandat, il-godiment tal-passagg ghal gol-bitha in dizamina, b’mod ghalhekk li, ghamel x’ghamel l-appellant, dan ma seta qatt, fis-6 ta’ Settembru 2002, jitqies li qieghed b’xi mod jispoljahom mill-godiment ta’ xi haga, proprju ghax dak il-godiment kien gie terminat mill-imsemmija qorti fit-3 ta’ Settembru 2002. Din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol fil-kwistjoni ta’ x’jigri jekk u meta l-mandat jigi revokat: l-imputazzjoni hija ta’ reat allegatament kommess f’xi zmien bejn l-4 ta’ Settembru 2002 u s-6 ta’ Settembru 2002, u ghalhekk wiehed m’ghandux ihares oltre dawk il-parametri ta’ zmien. Anke l-kwerelant Grima, fid-deposizzjoni tieghu tat-22 ta’ April 2005 quddiem din il-Qorti, jammetti li hu kellu access ghall-bitha sa tlett ijiem qabel ma twahhal il-bieb tal-hadid mill-appellant (ara fol. 105 u 106), u dan proprju minhabba l-imsemmi mandat ta’ inibizzjoni. Galadarba huwa nieqes dan l-ewwel element tar-reat, ikun superfluwu ghal din il-Qorti li toqghod tezamina l-elementi l-ohra.

Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------